UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
-MAIN LIBRARY-

# L-IMNARA



GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR

Ħarġa Numru 20

Vol. 5 Numru 3 1996

# L-IMNARA

**Vol. 5 Numru 3 Ħarġa Numru 20**

**1996**

**WERREJ**

| | | |
|---|---|---|
| Qniepen, Balombi u Sireni | J.F.Porsella-Flores | 59 |
| Il-Lanċa Tal-Pass Fil-Folkloor | Anġelo Dougall | 62 |
| Ir-Rabbaba f'Għawdex Illum | Anna Borg Cardona | 65 |
| Dwar iż-Żafżafa f'Ħal Għaxaq | Guido Lanfranco | 70 |
| Il-Ġimgħa tal-Ġimgħa l-Kbira..... | Ġużè Chetcuti | 73 |
| Użanza Antika fil-Birgu li Ntemmet | Lorenzo Zahra | 76 |
| Għana, Taqbil u Siltiet mill-Ħajja | Guido Lanfranco | 77 |
| Lista tal-Membri Effettivi 1996 | | 84 |

Bullettin tal-Għaqda Maltija Tal-Folklor, joħroġ darba fis-sena.

L-opinjonijiet li jidhru hawn m'humiex neċessarjament dawk ta' l-istess Għaqda jew ta' l-Editur, jekk mhux hekk speċifikat.

**Indirizz ta' l-Editur: 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema SLM 02**

# QNIEPEN, BALOMBI U SIRENI

## J.F.Porsella-Flores

L-arloġġ li kien hemm fil-Pjazza tal-Birgu sa kemm ma ġġarrafx b'ħidma tal-għadu fix-xahar ta'April 1942, kien ilu juri u jdoqq il-ħin minn qrib is-sena 1629 fi żmien il-Gran Mastru de Paola.

Kien arloġġ uniku f'Malta u Għawdex għaliex minbarra il-karatteristiċi tiegħu ta' żewġ kwadranti u minutiera waħda f'kull kwadrant, b'żewġt iqniepen idoqqu il-kwarti u is-siegħat, ma kinetx tieħu ħsiebu il-parroċċa, imma l-Università tal-Birgu (illum ngħidu il-Kunsill Lokali) sakemm ma tneħħewx is-Sindki fil-bidu ta' l-Amministrazzjoni Ingliża fis-seklu dsatax. Imbagħad għadda taħt ir-responsabbiltà ta' l-Amministrazzjoni jew Gvern Ċentrali sa meta inqered.

Imma qabel ma tqiegħed l-arloġġ, it-torri jew turretta kien ilu jeżisti sa minn qrib is-sena 1549, fi żmien il-Gran Mastru d'Omedes, li kien kompla jaħseb, bħall-Gran Mastri ta' qablu, biex isaħħaħ id-difiża tal-Birgu, jew il-Belt il-Gdida, dak iż-żmien il-belt kapitali ta' Malta, fejn l-Ordni ta' San Ġwann kienet għamlet is-sede tagħha sa mill-wasla tagħha hawn Malta fis-sena 1530.

**In-Newwieħa u l-Ferrieħa.** Minn fuq din it-turretta għolja 75 pied (madwar 24 metru) mill-art, kienu jiġu osservati il-movimenti tax-xwieni mill-bogħod u permezz tad-daqq ta' qanpiena u bnadar kienu jingħataw sinjali lill-għassiesa fil-fortiizzi madwar il-Birgu.

Din il-qanpiena kienet fonduta f'Messina fis-sena 1514 fil-funderija ta' ċertu Antonellu Carbuni, kif wieħed kien jista' jaqra fuq l-istess qanpiena. Il-poplu kien taha l-isem doppju ta' *newwieħa* u *ferrieħa* skond is-sinjali li kienet twassal.

Il-qanpiena serviet ħafna fi żmien l-Assedju l-Kbir ta' l'1565. Bħala *newwieħa* kellha ħafna x'tagħmel minħabba l-attakki spissi speċjalment meta il-Misilmin għamlu prexxa fis-swar u kien hemm biża' kbir li kienu ser jirbħu huma. Imma mis-7 ta' Settembru id-daqq tagħha ma kienx iktar kiebi jew newwieħi imma wieħed ferrieħi; għalhekk isimha inbidel f'dak ta' *ferrieħa* għaliex malli intlemaħ fuq ix-xefaq is-Sokkors... fi żmienna ngħidulu *convoy*... il-għadu tbiegħed u irtira umiljat għat telfa li ġarrab. U minn dak il-jum glorjuż tas-7 ta'Settembru 1565 il-Birgu inbidillu ismu mill-ġdid għal dak ta' *il-Belt Rebbieħa* jew *Citta' Vittoriosa,* kif għadu magħruf uffiċjalment sal-lum. Niftaħ daqsxejn ta' parentesi u ngħati *prosit* liil-Kunsill Lokali talli għażel din il-ġurnata bħala Jum il-Birgu. U minn dak in-nhar anki il-qanpiena saret ukoll il-Qanpiena tar-Rebħa.

**Il-Balomba (jew palomba) u s-sirena.** Fi żmien it-Tieni gwerra, 1939-1945, post din il-qanpiena ħadetu il-balomba jew sirena li kienet iddoqq b'leħen kiebi jew newwieħi is-sinjal ta' attakki mill-ajru *air-raid warning* x'ħin kienu joqorbu l-ajruplani qerrieda, u b'leħen ferrieħi is-sinjal li l-għadu tbiegħed *raiders passed.*

**Il-Qanpiena ta' Sant'Anġlu.** Meta fit-8 ta' Mejju 1943 fl-Afrika ta' Fuq, il-belt ta' Tunes ċediet f'idejn it-Truppi Alleati, ferħ kbir kien ħakem ukoll lill-poplu Malti u Għawdxi, u l-għada il-Ħadd 9 ta'Mejju kienu saru dimostrazzjonijiet spontanji bħala espressjoni ta' dan il-ferħ. Kien ġie miftiehem biex f'nofs inhar tindaqq mota mill-knejjes wara sinjal mogħti mill-Birgu, mill-qanpiena tal-Forti Sant'Anġlu. Din kien mar idoqqha, kif kien qalli hu stess, l-Arċipriet tal-Birgu, il-Kanonku (wara Monsinjur) Dun Pawl Galea, li miet fid-29 ta' Marzu, 1996, fl-għomor ta' 90 sena.



P. Philip Mallia O.P. jidher jiġbed lsien
il-qanpiena ta' l-arloġġ fil-pjazza tal-Birgu
f'ritratt meħud fit-23 ta' Mejju 1943 waqt
ċelebrazzjonijiet għar-rebħiet tal-Allejati.

*Ritratt provdut mill-awtur, kopja tal-oriġinal*
*li kien silfu P.Philip*

Dak in-nhar post il-Ferrieħa tat-torri ta' l-Arloġġ kienet ħaditu il-Ferrieħa l-oħra, xejn inqas glorjuża minnha, tal-Forti Sant'Anġlu. Imma ġara li ħmistax-il ġurnata wara, il-Hadd 23 ta'Mejju, kienu saru ċelebrazzjonijiet uffiċjali f'Malta u Għawdwex għall-ħelsien tal-Belt ta'Tunes mill-ħakma nażista. L-isqfijiet ta' Malta u Għawdex ħargu kull wieħed ċirkolari biex tiġi ċelebrata quddiesa kantata ta' Radd il-Hajr bil-kant tat-*Te Deum* u bid-daqq ta' mota.

**Il-qanpiena tat-Torri ta' l-Arloġġ.** Fil-pjazza tal-Birgu kienu nbnew par pilastri tal-ġebel bi travett fuqhom li minnu iddendlet qanpiena mill-par li kien hemm fuq it-torri ta' l-arloġġ qabel ma dan iġġarraf sena qabel, kif diġa' ktibna. Fil-verita' ma nafux liema waħda kienet imma nissoponu li kienet dik li tat is-sinjal ferrieħi tar-rebħa ta' l-Assedju l-Kbir ta' l-1565. Nissoponu wkoll li kien mar idoqqha l-Arċipriet tal-Birgu li ħmistax qabel kien mar idoqq dik tal-Forti Sant'Anġlu.

Patri Filippu Mallia, Dumnikan, li minn Diċembru 1942 kien wieħed minn erba' patrijiet li reġgħu niżlu l-Birgu, fil-Palazz ta' l-Inkwiżitur, biex minbarra li jaqdu il-missjoni saċerdotali tagħhom, jieħdu ħsieb l-iskola elementari tal-Gvern, fl-Armerija, dak inhar tat-23 ta' Mejju niżel il-pjazza u ġie ritratt fil-waqt li qiegħed jiġbed il-ħabel ta' ilsien din il-qanpiena, kif nistgħu naraw f'dan ir-ritratt, li kien silifni hu biex nagħmel kopja tiegħu. Grazzi għal din l-inizjativa għaqlija ta' Patri Mallia, li miet fis-27 ta' Jannar, 1996, fil-għomor ta' 87 sena, għandna dokument storiku u eċċezzjonali, għax huwa uniku, ta' x'sar il-Birgu dak inhar. Sfortunatament ma nafux fejn jinsabu illum iż-żewġ qniepen ta' l-arloġġ. Lanqas ma nafu għaliex l-Amministrazzjonijiet li kellna minn wara l-gwerra 'l hawn , minkejja ir-rakkomandazzjoni ta' Hubbard and Harrison, it-*Town Planners,* ma ridux itellgħu mill-ġdid l-arloġġ storiku biex waqt id-daqq ħelu u paċifiku tal-kwarti u s-sigħat niftakru mill-ġdid fil-ħidma tan-Newwieħa u tal-Ferrieħa.

**Il-qanpiena tat-Tarzna.** Nixtieq infakkar ukoll qanpiena oħra ta' tifkira partikolari l-aktar għan-nies tal-Kottonera , il-qanpiena tat-Tarzna. Sal-bidu tas-snin tletin is-sinjal biex il-ħaddiema tat-Tarzna *Dockyard* jidħlu jaħdmu, kien jingħata permezz ta' qanpiena li kienet tinsab mingħalija qrib l-arloġġ fuq il-Forti San Mikiel, L-Isla. Din kienet tibda iddoqq permezz ta' tokki fis-6.30 ta' filgħodu, u iżjed ma joqrob il-ħin tas-7 x'ħin jibda ix-xogħol, it-tokki kienu ikunu dejjem iktar spissi sa kemm jieqfu ħesrem fis-7 eżatti. Dan iż-żmien ma kienx hemm *walking-in time*; fis-7 wieħed kien irid ikun diġa' f'postu lest biex jibda jaħdem. Biss dawk li kienu jibgħatuhom jaħdmu fuq abbord kellhom il-*floating time*, kelma imħassra bil-malti għal 'flottajm'. Minbarra l-ħin li kienu jieħdu biex jaslu abbord, kienu jieqfu mix-xogħol ftit tal-ħin qabel l-oħrajn biex jerġgħu lura f'posthom fil-*workshop* biex joħorġu mit-Tarzna fil-ħin mal-kumplament tal-ħaddiema.

Il-qanpiena kienet terġa' iddoqq għall-ħin ta' l-ikel, x'ħin anke xi tfal kienu jitħallew jidħlu it-Tarzna iwasslu l-ikel sħun lil nieshom f'borma ta'l-enamel kulur blu b'żewġ saffi, u post fuq l-għatu fejn jitqiegħed il-melħ. Iddoqq mill-ġdid biex ikompli ix-xogħol wara l-ikel, u għal darb'oħra fl-4 ta' wara nofs inhar biex il-ħaddiema imorru lura lejn djarhom wara ġurnata xogħol. Dak iż-ħmien l-overtime kien iktar ħolma milli realta'.

**Il-Balomba.** Għal nofs is-snin tletin flok il-qanpiena beda jsir użu mill-balomba (jew palomba), bħalma għadu jsir s'issa. Din ġeneralment iddoqq b'ton wieħed. Għal bidu tal-gwerra kien hemm min għadu juża il-kelma 'sirena' bħal ta' dik li kienet tagħti is-sinjal ta' l-*air raid*. Lil din għall-ewwel kien hemm, kif għidna, min isejħilha balomba jew palomba, bħal tat-Tarzna, imma wara ftit it-tnejn spiċċaw biex jissejħu bl-istess isem: *is-sirena*.

Insomma anke il-qniepen kellhom il-folklor tagħhom. Nissoktaw niktbu xi ħaġa dwar qniepen oħra, f'ħarġa oħra.

# IL-LANĊA TAL-PASS FIL-FOLKLOR

## Anġelo Dougall

Il-**Lanċa tal-Pass** jew kif kienet aktar magħrufa bħala *il-lanċa*, jew kif kultant konna nsibuha wkoll bħala *il-lanċa tal-Port*, kienet trasport pubbliku li taqsam il-baħar taż-żewġ portijiet, bejn il-Belt (Marsamxett) u tas-Sliema, u bejn il-Belt (Ta' Liesse) għal L-Isla u l-Birgu. Fis-Sajf (għallinqas sa' qabel l-aħħar Gwerra Dinjija) kienet tagħmel servizz li jgħaqqad flimkien iż-żewġ portijiet, il-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett, u l-lanċa kienet tbaħħar minn taħt l-arkati tal-ħadid tal-*breakwater*.

Kellhom xortihom tajba dawk li, mhux talli rikbu fuqha, imma li jiftakru b'nostalġija dik ir-rikba ħelwa fuq il-lanċa karatteristika tagħna; vjaġġ li għalkemm kien qasir, madankollu kien pittoresk ħafna. Tassew dnub u ta' ħasra li ma nżammetx mank lanċa waħda biss minnhom taħdem għat-turisti daż-żmien, u lanqas m'hemm mank xi mudell ta' lanċa fil-Mużew Marittimu. Lanqas ma 'nsibu biss ritratti ta' dawn u tal-pontijiet tal-laneċ, f'dak il-Mużew, li juri dan it-trasport pubbliku fil-ħajja marittima tagħna!

Imma ma setax jonqos li dan it-tip ta' trasport u l-lanċa jidħlu fil-folklor Malti, għax għal ħafna Maltin, id-dehra tal-lanċa tofroq il-baħar fil-vjaġġ tagħha, kienet daħlet sewwa fil-ħajja ta' kuljum, l-aktar għan-nies *tan-naħa l-oħra*. Hu minn dan il-lat li f'din il-kitba nixtieq li nagħmel xi kummenti; u nagħmel dan, għax ma jkunx hemm ballu (dance) organizzat fost l-emigranti Maltin kulfejn issibhom, fl-Amerika,(U.S.A.), il-Kanada, jew fl-Awstralja, li l-emigranti ma jiżfnux u jkantaw għalenija mal-melodija tal-valz:*La barchetta in mezzo al mar*, b'nostalġija kbira u mqanqla. U għalkemm din il-melodija Siċiljana hija magħrufa sewwa fid-dinja mużikali Siċiljana, madankollu ma neskludux il-fatt li ma kienetx melodija folkloristika qadima Maltija. U fil-fatt ma tkunx l-ewwel darba li melodija folkloristika Maltija sabet ruħha addottata mill-ġara kbira ta' ħdejna, li matul is-sekli twal ta' storja qsamna bejnietna emigrazzjoni, ħidma u baħar, il-wirt marittimu u kulturali, politiku u reliġjuż. Min ma jiftakarx b'liema nostalġija titkanta minn eluf ta' emigranti Maltin din?

*Kantant*

**Lanċa ġejja w oħra sejra,**
**Bejn tas-Sliema u Marsamxett,**
**Il-Kaptan bil-pipa f'ħalqu,**
**U l-baħrin bis-sigarrett.**

**Darba waħda f'nofs ta' baħar**
**Il-Kaptan ħassu ħażin,**
**Ma kellux min idur miegħu,**
**Daru miegħu il-baħrin.**

*In-Nies*:
**(għal darbtejn)**

**Agħmillu karta.......,**
**Agħmillu karta.......,**
**Agħmillu karta għal tax-xjuħ!**

Din il-kanzunett daħlet sewwa fil-folklor Malti għax għandha timbru ta' folklor, għalkemm mid-dehra li l-awtur tagħha ma kellux l-iċken ħsieb ta' hekk. Niftakar kif il-Maltin ta'

Londra (l-Ingilterra), f'*dances* tal-Maltin t'hemmhekk, fil-bidu nett tas-snin ħamsin, jiżfnu ma' dil-melodija u jkantawha bil-qalb, kollhom entużjażmu u f'nostalġija ma' l-orkestra.

Skond tgħarif mogħti lili mill-ħabib tiegħi Maestro Paul Arnaud, kien l-attur u l-makkjettist **Armando Urso** illi kien għamel din il-kanzunetta *Lanċa ġejja w oħra sejra* tant popolari; kien kantha bħala makkjetta. U kien hawn ħafna makkjetti ta' dan it-tip jitkantaw fuq il-palk folkloristiku Malti, li kien rikk wisq bihom! Fost kollox Maestro Paul Arnaud qalli li l-kantant popolari Ngliż Frankie Vaughn, li kien hawn Malta bħala suldat fi żmien il-gwerra, baqa' jiftakar din il-kanzunetta sewwa, u baqa' jkantha *bil-Malti,* fost ir-repertorju twil ta' *songs* li kien ikanta.

B'hekk jew hekk, il-lanċa pittoreska kif konna nafuha, u s-servizz tagħha, issa ilu żmien twil li spiċċa minn fuq wiċċ il-baħar taż-żewġ portijiet. Imma baqa' leħen il-poplu bil-kant dwarha li baqa' jfakkarha, għax il-kanzunetta dwar il-lanċa għandha xeħta ta' folklor.

F'L-Isla ta' tfuliti, bħala tfal kellna daqsxejn ta' taqbila dwar *Il-Lanċa*. Ma naħsibx li it-taqbila kienet ilha aktar mill-bidu ta' dan is-seklu, għax in-nies tan-*naħa l-oħra* (il-Cottonera) ma kellhomx is-servizz tal-lanċa qabel dan is-seklu. Bħala tfal kellna ħerqa kbira sabiex nirkbu l-lanċa, għax kienet pittoreska, komda u kienet tagħmel parti mill-ħajja marittima tagħna. B'dik ir-rikba tal-lanċa konna naraw is-sbuħija tal-portijiet tagħna, il-baħar sabiħ ta' madwarna, naraw il-moviment fuqu ta' frejgati kbar u vapuri ta' kull daqs, dgħajjes ta' kull xorta, is-swar grandjużi li jħaddnu l-portijiet, vapuri tat-truppi u tal P.& O., skejjen tal-pajjiżi ta' madwarna, u traffiku fil-portijiet, u l-baħar li kien varjat kull ħin. Ir-rikba fuq il-lanċa kienet dejjem avventura li ma tinsiha qatt, kif lanqas ma tinsa r-ritmu tal-magna tagħha.

Imma dik id-daqxejn ta' taqbila ta' tfulitna dwar il-lanċa kont insejtha, u kienet fortuna li nerġa nismagħha minn għand wieħed anzjan mill L-Isla, Vincent Rizzo, ex-emigrant li ġie lura mill-U.S.A. biex jirtira l-aħħar snin ta' ħajtu hawn. Kien miżżewweġ, u hawnhekk kien ma' martu Anna, Amerikana, wild Ġappuniż, kattolika, li kienu jgħixu Kalifornja. Hu miet kif xtaq, f'pajjiżu, xi għaxar snin ilu. It-taqbila fuq il-lanċa li kienet tingħad ġo L-Isla hija din:

**Ġejja lanċa ħa' tgħabbina,**
**Fuq il-gverta u ġol-gabina,**
**Bil-lanċa ta' Mattei**
**Min hu sejjer, u min hu ġej.**

Għalkemm il-lanċa kienet mezz ta' trasport ġdid għall-pubbliku, għandi nifhem, u ma setax jonqos li kien hemm aktar taqbiliet dwarha. Imma maż-żmien dawn intesew u 'ntilfu.



*Disinn tal-lanċa tal-pass minn Angelo Dougall*

-------------------------

**Nota ta' Apprezzament**

Is-Sur **Gerald Cacciattolo**, membru tal-Kumitat tal-Għaqda tal-Folklor, miet fil-31 ta' Lulju 1996. Ftit qabel kien attenda laqgħa tal-Kumitat, bl-istess entużjażmu tas-soltu. Kien daħal membru tal-Għaqda tagħna f'Mejju 1989 waqt li kien iżur wirja tagħna, u għal dawn l-aħħar ftit snin kien inħatar membru tal-Kumitat. Fil-ħarga tal-1995 ta' L-IMNARA Kellna artiklu "Folklor Mill-Birgu" li l-Editur kiteb fuq intervista miegħu, u kien bi ħsiebu joffri aktar esperjenzi dwar il-Birgu, iżda Alla ried li dawn imutu miegħu. Is-Sur Cacciattolo jidher preżenti ukoll f'ritratt it-tieni mill-lemin,(p14, ta'L-IMNARA 1994) ma' grupp ta' membri tagħna waqt żjara tal-Għaqda fil-mużew tal-parroċċa tal-Birgu. Minbarra li nuru rikonoxximent għal ħidmietu, u li nagħtu l-kondoljanzi lill-familjari tiegħu, niftakru fih fit-talb tagħna. **R.I.P.**

# IR-RABBABA F'GHAWDEX ILLUM

**Anna Borġ Cardona, B.A., L.T.C.L.**

L-istrument tradizzjonali, magħruf fostna bħala "Rabbaba" jew "Żuvżafa", kien dari popolari ħafna fil-gżejjer Maltin. Kien hemm żmien, li xi wħud għadhom jiftakru, meta f'Malta u f'Għawdex kont tara d-daqqaqa taż-żaqq, tar-rabbaba u tat-tanbur jiżfnu u jdoqqu fit-toroq tagħna u jferrħu n-nies.

Illum, iż-żaqq għebet għal kollox u ftit nies jafu x'kienet. It-tanbur u r-rabbaba wkoll kważi għebu minn fostna, iżda b'xorti tajba, għadek tilmaħhom f'xi bnadi tal-gżira t'Għawdex.

**Ir-Rabbaba** hija magħmula minn reċipjent li fuq in-naħa miftuħa tiegħu titpoġġa ġilda stirata t'annimal. F'nofs din il-ġilda jkun hemm marbuta biċċa qasba li d-daqqaq jogħrok b'idejh mxarrba. Dan il-moviment iġib fil-qasba vibrazzjonijiet li jgħaddu għal ġol-ġilda stirata, u minn hemm għal ġo l-arja fir-reċipjent. B'hekk, in-nota li toħroġ hija waħda biss iżda din tista' tinbidel kemm xejn skond l-għafsa ta' l-id fuq il-qasba.

**Ir-Reċipjent** jista' jkun tal-fuħħar, tal-injam, tal-landa, ta' l-enamel, jew ta' kwalunkwe materjal ieħor, skond x'jinstab faċilment. It-ton, naturalment, ivarja skond il-materjal użat. Id-daqs tar-reċipjent ukoll ibiddel il-ħoss, għax aktar ma' dan ikun kbir aktar jikber il-qawwa tal-ħoss u aktar titbaxxa n-nota li toħroġ minnu.

**Il-Ġilda** preferita għar-rabbaba hija dik tal-qattus, iżda tintuża wkoll dik tal-gidi jew ta' xi annimal ieħor.

**Il-Qasba** ġeneralment hija meħudha mill-pjanta "tal-qasab" li tissejjah xjentifikament *Arundo donax*, għalkemm xi minn daqqiet ġieli intużaw speċi oħra ta' qasab lokali. Il-qasab fil-gżejjer tagħna jinstabu imxerrda ma' kullimkien, l-aktar fil-widien.

Barra minn din l-informazzjoni ġenerali fuq ir-rabbaba, ikun tassew interessanti u utli li niddokumentaw l-irqaqat ta' kif issir illum fil-gżira t'Għawdex. Insemmi hawn żewġt irħula f'din il-gżira fejn sibt li l-istrument mużikali għadu jinħadem u jintuża.

**FIN-NADUR** Fir-raħal tan-Nadur, li qiegħed lejn il-lvant tal-gżira, l-istrument huwa magħruf bħala "rabbaba", u jintuża biss fil-karnival u fl-ebda żmien ieħor. Tant hu hekk illi huwa magħruf bħala "d-daqqa tal-karnival".

Raġel minn Nadur, ċertu Frenċ ta' xi ħamsin sena, għadu sa illum jagħmel l-istrument kif kien jagħmlu missieru qablu - iżda b'xi varjazzjoni. Il-missier kien juża reċipjent tal-fuħħar jew xi vaż komuni tal-enamel (awrinar) u ġilda tal-qattus. Ibnu, illum qed juża landa vojta taż-żebgħa għolja u wiesgħa xi 21cm. Il-ġilda li jistira fuqha hija dik tal-gidi u din inaddafha sewwa bil-melħ u jikkonzaha huwa nnifsu. Il-qasba, wkoll imur jaqtagħha huwa stess, u jagħżel, bħal ma kien jagħżel missieru, biċċa qasba rqiqa, twila xi 76cm u wiesgħa xi 1cm. Joqgħod attent ħafna li l-qasba jkollha dejjem "l-għerq" (għaksa mqabbża) fuq tarf minnhom. Din hija waħda mill-irqaqat importanti biex ikollok rabbaba tajba.

Biex isir l-istrument, jeħtieġ ukoll li wieħed ikun jaf jikkonza l-ġlud. Dan huwa xogħol ta' paċenzja li jieħu ġimgħat sħaħ biex isir sewwa. Għalhekk, Frenċ jaħseb kmieni ħafna biex ilesti l-istrument għall-karnival. F'Mejju ikun ġa beda jipprepara l-ġlud. Meta staqsejtu kif tikkonza l-ġilda tar-rabbaba, qalli biss li "dik issir bil-melħ".




Illustrazzjonijiet GRUPP 1

Id-dettalji li ġejjin fuq l-ikkunzar tal-ġilda tal-gidi, nagħaġ, u fniek, irnexxieli niddubbahom (1976) minn għand mara ta' xi sittin sena minn Birkirkara. Din qaltli li l-ġilda l-ewwel tinħasel, imbagħad tingħorok sewwa bil-melħ tal-kċina (mill-oħxon). Din il-mara kienet imdorrija titwi l-ġilda bin-naħa sufija fuq barra u tħalliha tlitt ijiem ġo borża tal-plastik biex tixrob il-melħ. Imbagħad, tkompli biex tlaħlaħha bl-ilma, terġa togħrokha (din id-darba bl-alum), titwiha u tagħlaqha ġo borża tal-plastik għal tlitt ijiem oħra. Meta jkun għadda dan iż-żmien, tlaħlaħha mill-ġdid, issammarha ċatta fuq injama u tnixxifha fix-xemx sakemm il-ġilda tibbies. Tkompli biex togħrok il-ġilda bil-paċenzja kollha għal żmien twil sakemm din tirtab u ssir qisha kamoxxa.

Ta' min jgħid hawn li għall-użu tar-rabbaba, il-ġilda m'hemmx għalfejn tkun daqshekk ratba. Wara l-ikkunzar, ikun jonqos biss li għal darb'oħra, il-ġilda tiġi mxarrba u kif tkun ratba, tinġibed u tinqaras biex f'nofsha tinħoloq bħal bejta, bin-naħa sufija fuq ġewwa. F'din il-bejta jiddeffes tarf il-qasba min-naħa ta' l-għaksa. Wieħed hawn irid joqgħod attent ħafna li ma tiġix mifqugħa l-ġilda. Il-qasba u l-ġilda imbagħad jintrabtu sewwa flimkien bl-ispag jew lenza fuq in-naħa ta' taħt tal-ġilda (min-naħa l-lixxa). Din ir-rabta ssir kemm kemm iżjed 'il fuq mill-għaksa. B'dan il-mod, il-qasba ma tkunx tista' toħroġ waqt li qiegħda tindaqq għax l-għaksa tkun marbuta ġewwa. **(fig. 1a, 1b.)**

Kif il-ġilda tkun għadha mxarrba u bil-qasba lesta marbuta ġo fiha, tiġġebbed sew fuq il-landa u tintrabat stirata kemm jista' jkun b'xi spag, lenza tas-sajd jew lastiku sogħod. Frenċ jinsisti li din il-biċċa xogħol trid mill anqas tnejn minn nies biex issir sewwa - wieħed jiġbed il-ġilda, u l-ieħor jorbot **(fig. 1c)**.

Ir-rabbaba, f'dan l-istadju, m'għandhiex tintmiss qabel xi ħmistax, sakemm il-ġilda tkun nixfet sewwa. Waqt li din tkun qiegħda tinxef, il-qasba trid titqiegħed dritta biex ma tiġbidx il-ġilda fuq naħa waħda.

Wara dan il-proċess twil, il-landa taż-żebgħa tiġi mgħottijja minn barra b'xi drapp kulurit kif jixraq għall-karnival. Imbagħad fl-aħħar nett, l-istrument jiġi mżejjen aktar b'xi żagarelli kuluriti mwaħħla u mdendla minn tarf il-qasba.**(ara 2c)**

B'hekk, ir-rabbaba tkun lesta biex tindaqq fil-briju tal-karnival flimkien mal-organett (*accordion*), it-tnabar (*tambourines*), il-kastanjoli, t-tripied u r-rabbabi oħra bħal ma rajthom jiena stess fil-karnival tal-1995 u 1996 ġewwa l-każin tal-football.**(ara 2b)** Ta' min isemmi illi f'lejla twila ta' daqq, l-istrumenti kważi kollha jgħaddu minn daqqaq għall-ieħor. Ir-rabbaba b'hekk tgħaddi minn id għal oħra biex dak li jkun ma jgħajjiex idoqqha.

Id-daqqaqa tar-rabbaba fin-Nadur kollha wżaw biċċa sponża jew *foam* mxarrba bl-ilma biex idoqqu l-istrument minflok li qagħdu jxarrbu jdejhom. Il-vantaġġ ta' l-użu tal-isponża huwa kbir, għax din iżżomm niedja aktar fit-tul mill-id u b'hekk id-daqqaq ikun jista' jkompli jdoqq ma' sħabu għal żmien itwal qabel ma jkollu jieqaf biex jerġa jxarrabha. Jekk l-id (jew l-isponża) ma tkunx imxarrba, ma tistax tiżloq fuq il-qasba, ma ġġibx vi-brazzjonijiet u għaldaqstant ma joħroġ l-ebda ħoss mill-istrument.

Ta' min jgħid hawn li waqt id-daqq, l-istrument għandu jinżamm daqsxejn mimdud biex l-ilma mill-isponża ma jċarċarx għal fuq il-ġilda. Bil-qtar ta' l-ilma hemm periklu kbir illi l-ġilda tiddgħajjef u tinfaqa' waqt id-daqq. Frenċ jinsisti ukoll illi wieħed għandu dejjem jogħrok il-qasba l-isfel biss u qatt il-fuq, biex kemm jista' jkun jonqos il-periklu ta' ħsara. Dan id-daqqaq jgħid li mhux kulħadd jaf idoqq ir-rabbaba sew kif suppost u mħabba f'hekk, kull sena jiċċartu ħafna strumenti.

Fir-raħal tan-Nadur, sibt li hemm ukoll raġel ieħor jismu Pietru, ta' xi madwar erbgħin sena li jagħmel u jdoqq ir-rabbaba fil-karnival. Sibt li Pietru għandu il-mod tiegħu kif jagħmel l-istrument. Bħala reċipjent, jippreferi juża xi borma flok landa taż-żebgħa. Din jgħawġilha x-xifer biex jagħmlilha xoffa ħalli jkun jista' jorbot sewwa l-ġilda. Qal illi meta jsib, m'hemmx aħjar minn xi vaż tal-enamel, għax dan għandu x-xoffa lesta u jagħmel ħoss aħjar. Iżda daż-żmien ma tantx issib važijiet għax m'għadhomx jintużaw. B'dan kollu, xi mod jew ieħor, fittex 'l hawn u fittex 'l hemm, xorta jirnexxilu jiddobba xi tnejn.

Il-ġilda li juża hija tal-gidi għalkemm jammetti li l-aħjar hija dik tal-qattus. Dan ma tistax tisparalu għax b'hekk tifqa l-ġilda, għaldaqstant trid tiġri warajh biex taqbdu. Qattus, jgħid Pietru, jrid ikollu mill-anqas xi 6 snin biex il-ġilda tiegħu tkun xierfa biżżejjed u tajba għar-rabbaba. Il-ġilda tan-nagħaġ jgħid li pprovaha u sab li ma tiswiex għax ma agħmilx ħoss sabieħ.

Għalkemm ir-rabbabi kollha li nzertajt jiena dejjem kellhom in-naħa sufija tal-ġild fuq barra, Pietru semma illi fil-passat, in-naħa sufija kienet titqiegħed fuq ġewwa u mhux fuq barra.

Il-qasab li juża dan id-daqqaq huma ftit ħoxnin (xi 1.5ċm), u dawn meta jżejjinhom juża biċċiet ta' suf kulurit, imdendlin f'tarf il-qasba. Pietru ma jiddelettax jgħatti r-reċipjent li juża, anki jekk dan ikun xi landa taż-żebgħa, jew xi vaż tal-enamel bil-widna **(ara 2a)**



2a



2b

2c



Illustrazzjonijiet GRUPP 2

2a Rabbaba (važ ta' l-enamel). Nadur Għawdex Karnival 1996

2b Uħud mid-daqqaqa Każin tal-*football*, Nadur Għawdex Karnival 1995

2c Rabbaba (landa taż-żebgħa miksija) Nadur, Għawdex Karnival 1995

Il-grupp ta' daqqaqa li daqq magħhom Pietru fil-karnival tal-1996 kien magħmul minn organett, kitarra, tnabar, kastanjoli, katuba, tripied u rabbabi oħra. Ir-rabbabi ndaqqu mhux bl-id imxarrba iżda bil-biċċa sponża li nżammet dejjem umda. Id-daqq sar dejjem ġewwa fil-każin tal-banda, u qatt barra fit-toroq.

**FL-GĦARB** Barra minn ġon-Nadur, l-istrument ltqajt miegħu wkoll fl-Għarb, fil-punent t'Għawdex, fil-karnival tal-1996. Interessanti illi hawnhekk jissejjaħ "Żuvżafa" u mhux rabbaba.

F'dan ir-raħal, iż-żuvżafi kienu magħmula mill-laned kbar tal-kunserva u laned taż-żebgħa. Hawnhekk ukoll intużat il-ġilda tal-gidi bin-naħa sufija fuq barra. Ta' min isemmi li f'lejla ta' karnival f'dan ir-raħal, żuvżafa waħda, magħmula mill-ġilda tan-nagħaġ, kienet mixħuta fir-rokna b'disprezz u tħalliet hemm għax ma nstabitx tajba biżżejjed. Il-laned ta' l-Għarb ma kienux mgħottijja bl-ebda materjal, u l-qasab lanqas ma kienu mżejna.

Il-grupp ta' l-Għarb, li daqq ġos-sala parrokkjali tar-raħal, kien armat b'organett, conċertina, tnabar, żuvżafi u *maraccas*. Hawnhekk ukoll iż-żuvżafa ndaqqet bl-isponża mxarrba.

Biex nikkonkludi nissokta ngħid illi f'dawn l-imsemmija gruppi ta' daqqaqa, sew fin-Nadur kif ukoll fl-Għarb, l-organett, it-tnabar u r-rabbabi huma dejjem preżenti fid-daqq tal-karnival, iżda l-istrumenti l-oħra jvarjaw. L-organett jidher li issa sar komuni f'kull grupp ta' daqqaqa u ma jonqos qatt.

Ir-rabbaba, fin-Nadur, tradizzjonalment toħroġ għall-karnival biss u f'ebda żmien ieħor. Mill-banda l-oħra, l-Għarb qiegħed jipprova jqajjem interess folkloristiku u għaldaqstant it-tnabar u r-rabbaba issa qed jibdew jindaqqu f'okkażjonijiet differenti.

Ta' min isemmi wkoll illi d-daqq f'dawn iż-żewġt irħula huwa l-biċċa l-kbira perkussiv. Il-melodija tista' tkun meħudha minn kanzunetti popolari ingliżi, taljani jew maltin jew tista' wkoll tkun improvviżżata. Tkun xi tkun din il-melodija, donna tingħata ftit jew xejn importanza u tindifen, ġieli totalment, fir-ritmu ta' strumenti perkussivi, li dejjem huma ta' proporzjon ikbar.

Ħaġa oħra li toħroġ ċar minn dan l-istudju hija li r-rabbaba mgħandiex għomorha twil. Fid-daqq, il-ġilda spiss tiddgħajjef bit-tixrib tal-ilma u tinfaqa. Hu tassew rari li wara ġimgħa ta' daqq tibqa' fi stat tajjeb biex tintuża s-sena ta' wara. Kull sena l-istrument irid isir mill-ġdid, u jekk ma jkomplux jagħmluh dawn il-ftit nies li baqa', hija ħaġa faċli illi jgħib minn fostna f'salt kif għebet kiesaħ u biered iż-żaqq.

Biex nispiċċa fuq nota pożittiva, insemmi illi l-użu tar-rabbaba f'Għawdex għadu jiġi naturali. L-Għawdxin għadhom jitfarrġu jisimgħu id-daqq ta' strumenti tradizzjonali. Hija ħaġa ta' nkuraġġament illi għad hemm nies, fosthom żgħażagħ, illi jieħdu pjaċir, mhux jisimgħu biss, iżda anki jdoqqu r-rabbaba.

Nista' ngħid ukoll illi dawk illi jagħmlu l-istrument għandhom ċerta għożża għalih li tifimha biss meta tara li dan huwa magħmul bil-ħsieb u bil-paċenzja u ġej minn linja ta' tradizzjoni li f'dawn l-inħawi, fortunatament, ma nqatgħetx.

---

# DWAR IŻ-ŻAFŻAFA F' ĦAL ĠĦAXAQ

**Guido Lanfranco**

Fost l-istrumenti mużikali tradizzjonali hemm ir-rabbaba, jew żafżafa, li għadha ssir u tintuża spontanjament f'diversi rħula f'Malta u Għawdex. L-isem mhux tant stabbilit u kostanti daqs kemm wieħed jaħseb, għax minn rabbaba b'diversi varjanti isir ukoll żafżafa b'varjanti oħra. L-isem ta' dan l-istrument smajtu bħala rabraba, rababba, rebbaba, rubbaba, żabbaba, żafżafa, żufżafa, żafżava, safsafa, eċċ. L-oriġini ta' rabbaba għandu mnejn kien taljan, fejn *rebbio* tintuża b'varjazzjonijiet, għal estensjonijiet li jivvibraw, bħal qasab u pjanti oħrajn qasbija, u meta fil-fiżika nirreferu għaż-żewġt iswaba vibranti tat-*tuning fork* jew *diapason*, strument li jintuża biex ikabbar il-vibrazzjonijiet, preċiżament kif isir fir-rabbaba. Żafżafa jew safsafa huwa isem li b'varjazzjonijiet u applikazzjonijiet varji, jirreferi għal ħsejjes prodotti minn ċaflis jew tidlik u ċaqliq f'-ilma. Safsafa u żafżafa huma wkoll ismijiet ta' siġar li jikbru assoċjati ma' l-ilma, bħal ma huma wkoll il-qasab. Dwar dan hemm ħafna aktar x'wieħed jista' jiddiskuti.

Varjat ukoll huwa il-metodu ta' kif isir dan l-istrument mużikali, u meta wieħed jitkixxef dwaru fl'imgħoddi u fil-preżent, isib li dejjem jiġi addattat għaż-żminijiet. Għalhekk insibu li ir-rabbaba jew żafżafa ta' żmienna, jintużaw fiha tappini tal-fliexken tas-*soft drinks* għaċ-ċekċik, passaperla u fildiferru minflok spag jew lenza, u patalotti taż-żebgħa tal-metall minflok l-għamliet ta' qsari tal-fuħħar tal-imgħoddi.

Frans Farrugia (1) minn Ħal Għaxaq, qalli hekk: "....Kelli missieri espert taż-żafżafa. Kien jamilha u jużaha. Kien juża patalotti taż-żebgħa... kien jiġi l-bjankett fihom... qisu xi pied għoli u xi għaxar pulzieri dijamaetru. Kellhom xifer ġej fit-tond maqlub, allura l-ġild ma kienx ikun fuq xifer jaqta'. Kien ikollu ġild jew tal-ħaruf, jew tal gidi. Kien jnixxfu... kien jagħmillu ħafna melħ fuqu, għax billi kien jibqagħlu xi ftit grass (fuq il-ġilda)(2) kien irejjaħ xi naqra. Kien itaqqab toqba fin-nofs (tal-ġilda), Jew jagħmel biċċa njama lixxa qisha ċombin, u l-ġilda kien jorbotha ma' din l-injama bil-wajer jew passaperla, li tkun soda. L-injama kienet tkun xi sitt pulzieri twila. Il-ġilda mbagħad, kien idawwarha ma' dan il-patalott... (Il-qiegħ ma kienx jaqalgħu, imma ġie li kien itaqqablu xi toqob.) Il-ġilda kien jorbotha b'biċċa wajer jew lenza, u jorbotha stirata mal-qiegħ.

"Mbagħad kien ikollu xi biċċa qasba, fiha xi metru, u kien jagħżilha li jkollha l-għekiesi viċin xulxin... mhux imbegħdin... kien jagħżilhom imbegħdin xi tliet pulzieri. Kienet tagħmel il-ħoss billi xxarrab idek bl-ilma, u żżerżaq idek... u aktar kemm ikollok għekiesi aktar ikollok vibrazzjonijiet. Il-qasba kienet tintlibes fuq dik il-biċċa njama (li jkun rabat mal-ġilda), Missieri kien jiġi biha ġol-ħwienet, u biex iġorra (iżarma l-qasba) ma kienetx tkun goffa. Kien joqgħod hemm u jgħannilhom,... dejjem Ħal-Għaxaq.... (3).

"Fuq mal-qasba kien jagħmel tliet biċċiet fildiferru u jagħmel it-tappini tal-luminata (mal-wajers ta' fuq). Tan-nofs kien jagħmilha, per eżempju, b'14, tal-lemin bi 8 u tax-xellug b'4, biex ikollok ton differenti... It-tappini kien jiċċattjahom, iġibhom kemm kemm qishom umbrella, itaqqbilhom toqba fin-nofs, u jagħmilhom qishom għatu ta' borma kontra għatu ta' borma, bil-kavità fin-nofs u jdaħħalhom fil-fildiferruwa... Magħhom kien iżejjen b'xi sitt kuluri ta' żigarelli... Jien għamilt kemm il-waħda... Meta kont żgħir konna nagħmluhom iżgħar, u konna nużaw ġilda ta' xi fenek. Fil-Karnival konna noħorġu ħafna bihom.... mhux fil-Milied biss. Aħna Ħal Għaxaq Żafżofa ngħidulha..."

---



Ġużeppi Farrugia minn Ħal Għaxaq, f'ħanut n'ru 29 Triq S'ta Marija. Illum dan il-post sar ħanut tal-ħwejjeġ. Ir-ritratt provdut minn ibnu Frans, li kiteb:

"...Ħal Għaxaq insibuha aktar bħala żavżava milli rubbaba. Bla misthija ngħidlek li jekk Ħal Għaxaq tgħidilhom rubbaba aktarx li ma jifhmukx. .....Il qasba l-oħra li għandu f'idu hija *spare* biex jekk tinkiser dik li jkun qed juża ikollu oħra u ma jibqagħx bħal Erbgħa fost il-Ġimgħa."

**Noti**

(1) Frans Farrugia (twieled 1939) qalli dawn id-dettalji waqt il-programm tiegħi fuq l-RTK Radio (21-XII-1994), fejn, waqt il-programm "Bejnietna" prodott minn Susan Mulvaney jien iddiskutejt strumenti tradizzjonali tal-Milied, u stedint lis-semmiegħa jikkummentaw fuq esperjenzi tagħhom. Din il-kitba hija traskrizzjoni tar-*recording* li żammejt.

(2) Kliem fil-parentisi jindika kliem li ma ntqagħlux fil-post, iżda daħħalthom jien wara li nkun iċċarajt xi punt mal-kelliem, u qalhom barra mill-kuntest. Puntini bejn xi kliem u frażijiet jindikaw tneħħija ta' kliem inċidentali.

(3) Mar-ritratt ta' missieru li ipprovdieli il-kelliem biex nikkupjah, kitibli: "Missieri kien jismu Ġużeppi Farrugia u jgħidulu *Il-Bużżu*, laqam li bih magħruf ma' Malta kollha. Twieled u dejjem għex Ħal Għaxaq. Miet fl-14-VIII-93 fl-età ta' 80 sena."

---

**Sħubija fil-Għaqda Maltija Tal-Folklor**

Kull min jinteressa ruħu fil-folklor jista' jissieħeb f'din l-Għaqda. Il-ħlas huwa biss Lira Maltija fis-sena, iżada min jidħol l-ewwel darba iħallas ukoll lira għar-reġistrazzjoni. Il-bullettin tal-Għaqda, "L-IMNARA" li jiħi pubblikat darba fis-sena, ma jinbiħx fil-ħwienet, iżda jintbagħat biss lil membri li jkunu ħallsu għas-sena kurrenti, jiġifieri il-membri effettivi. Il-lista tal-membri effettivi, (li jkunu ħallsu għas-sena kurrenti) qed tidher f"L-IMNARA").

Kopji ta' L-IMNARA imorru ukoll, skond il-liġi, fil-librerji nazzjonali ta' Malta u Għawdex, iżda tmur ukoll fil-Librerija ta' Belt-Is-Sebh u l-librerija tal-Mużew Nazzjonali, kif ukoll fil-Librerija tal-Università

Kull ħlas għandu jintbgħat **BISS** lit-teżorier, is-Sur J.F.Porsella Flores, 69, Triq il-Palma, Paola.

**Kitba Għall-Imnara**

Kull kitba biex tiġi pubblikata f'L-IMNARA tista' tkun bil-Malti jew bl-Ingliż u għandha tkun DEJJEM ORIĠINALI, u qatt ma tkun pubblikata qabel band'oħra, u preferibbilment ta' nteress lokali. Il-indirizz ta' l-Editur huwa 78, Triq San Trofimus, Tas-Sliema SLM 02.

# IL-ĠIMGĦA TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA KIF NIFTAKARHA FI TFULITI

## Ġużè Chetcuti

Ħabib tiegħi, Frank Żammit, bagħatli mill-Awstralja ktejjeb "It-Triq Imqaddsa" bi preżentazzjoni ta' ħabib ieħor Valentin J. Barbara minn Bormla li l-lum joqgħod f'Sydney. Jien u naqra dan il-ktieb taħt forma ta' poeżija dwar l-erbatax-l istazzjon tal-passjoni ta' Kristu, ħsiebi mar lura fiż-żmien meta tfajjel ċkejken liebes iż-żimarra u b'simbolu tal-passjoni f'idejja kont nimxi mal- purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ġo Bormla, il-belt fejn twelidt, u wkoll, f'sena minnhom, daqs 70 sena ilu niftakar imxejt b'wegħda wiċċi mgħotti b'barnuż wara l-vara tad-Duluri.

Iż-żmien itir imma t-tifkira tibqa'.

Fil-knisja, sa minn ġimgħa jew tnejn qabel, kien jinħass li kienet qed toqrob il-Ġimgħa l-Kbira. Kienu jibdew iħejju biex jarmaw is-sepulkru. Mill-Erbgħa tat-Tniebri sa Sibt il-Għid kien jieqaf id-daqq tal-qniepen u minnflokhom tibda tisma' t-tfaqqigħ taċ-ċuqlajta ta' l-injam. L-inkwatri, il-Kurċifiss, in-niċeċ kollox jitgħatta b'velu iswed li jixħet fuq kulħadd dik il-ħemda u swied il-qalb għat-traġedja li għad trid isseħħ.

Nhar Ħamis ix-Xirka wara nofs in-nhar jibdew il-viżti tas-seba' knejjes. Niftakar dawn iż-żjajjar konna nibdewhom mill-parroċċa u nimxu f'ġemgħat żgħar, nisa, rġiel u tfal, b'devozzjoni kbira tul it-toroq inżuru knisja knisja sa naslu l-knisja ta' San Pawl u minn hemm mill-ġdid għall-parroċċa. Tħoss xi ħaġa tqanqallek qalbek tara dawk il-qtajjiet ta' nies jimxu wara s-Salib jitolbu u jgħidu r-rużarju. F'dak il-jum tara kemm ir-reliġjon nisranija għandha qawwa biex torbot fl-imħabba familji sħaħ. Għal dak il-jum jintesa l-inkwiet u l-ġlied, u Kristu jxerred fil-qalb tal-bniedem barka, paċi u mħabba.

Fit-tmiem ta' kull posta tar-rużarju ma konniex intennu l-kelma "glorja" imma l-ġakulatorja "Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk, għax b'Salibek u l-mewt Tiegħek inti fdejtna."

Il-Ġimgħa wara li ssir il-priedka tat-tliet sigħat dwar is-seba' kelmiet li Ġesù qal minn fuq is-salib, issir il-purċissjoni bit-tmien vari li jirrappreżentaw mumenti mill-passjoni ta' Kristu. Jekk niftakar sewwa l-purċissjoni tiftaħ b'żewġt irġiel lebsin ilbies bibliku, wieħrd idoqq il-flawt u l-ieħor tanbur miksi bi drapp iswed.

Kienet lili timpressjonani ħafna l-ewwel vara, sabiħa, imponenti, Kristu fl-ort, mixħut minn tulu fuq il-blat jitlob b'ħarstu, ħarsa ta' ħniena, mitfugħa 'l fuq. Warajha l-Kolonna (il-biċċa l-kbira tan-nies jippronunzjawha *l-Kanolla*), imbagħad l-Aċċjomu (*Ecce Homo*), wara, ir-Redentur jew, kif ħafna jsejħulu, l-Imgħobbi. Timxi wrajh (dejjem jekk niftakar sewwa) il-Banda San Ġorġ bil-marċi sbieħ funebri ta' Melilli u ta' Meruzzi.

Wara r-Redentur il-Veronika bil-velu tax-xbieha ta' wiċċ Kristu, imbagħad il-Monument, maestus fis-sodda tiegħu tal-mewt, il-Vara l-Kbira, u tagħlaq il-purċissjoni l-vara tad-Duluri b'kotra nies warajha, uħud wiċċhom mgħotti bil-barnuż ikaxkru bi tbatija l-ktajjen, ħafna wkoll kienu jimxu ħafjin.

Wara l-Vara l-Kbira jimxu l-Kapitlu.

Ta' tfajjel li kont kienet timpressjonani l-bandalora bl-ittri SPQR li snin wara sirt naf is-sinifikat tagħhom *Senatus Popolus Que Romanus.*

**SIBT u ĦADD IL-GĦID** L-għada, is-Sibt, idoqq il-Glorja. Dak iż-żmien, kontra dak li jsir il-lum, il-Glorja kienet itngħata s-Sibt filgħodu għall- ħabta tad-disgħa, u arana mmorru l-Birgu naraw il-ġirja ta' l-Irxoxt f'idu l-bandiera tar-rebħa. Mal-Glorja jinkixfu l-istatwi, il-Kurċifiss, il-kwadri u niċeċ fil-knejjes u minflok iċ-ċuqlajta jerġgħu jibdew jindaqqu l-qniepen. Għalina, ta' Bormla, l-iktar li kien jinteressana l-Irxoxt il-Ħadd filgħodu kmieni. Niftakarni nbakkar u mmur għall-quddiesa ta' l-ewwel. Wara l-quddiesa toħroġ il-vara ta' l-Irxoxt, ikun għadu kmieni ħafna, iddur it-toroq. L-ewwel ġirja tibda minn Triq l-Oratorju wara li l-Irxoxt ikun tala' l-medda twila u għolja tat-rurġien. Minn hemm għal Triq Santa Margerita, għax- Xgħajra, Triq Santa Tereża, Pjazza Gavino Gulia li ma kinitx bħalma hi l-lum, kienet wisq iċken, imbagħad għal ħdejn is-Suq, għal Triq San Pawl. Wara l-ġirja fi Triq San Pawl, jaqbad triqtu 'lisfel u jiġbed għal Santa Liena, u mill-ġdid għall-knisja. F'kull triq jieħu l-ġirja, u rġiel, żgħażagħ u tfal ilebbtu quddiem, bil-Kapitlu wara. Dak kien ikun jum ta' ferħ bil-banda San Ġorġ iddoqq marċi brijużi.

Il-figolla tradizzjonali miksija bil-ġelu u bajda mgħollija iebsa fin-nofs kont taraha f'idejn t-tfal, u waqt li l-Irxoxt ikun għaddej bil-ġirja minn quddiemna bil-palma tal-fidda f'idu konna ngħolluha jien u ħuti mill-gallarija u ngħajtu: *Kristu rxoxta birikhieli, bierek 'l ommi u 'l missieri!*

Dak kien żmien ta' l-innoċenza. Qatt, qatt ma jerġa' lura!

Fi żmieni, f'Bormla magħrufin għall-bejgħ tal-figolli, kien hemm tar-Rina b'ħanut tal-ħelu quddiem il-knisja, u s-Sluta, mingħalija dak iż-żmien kellu ħanut fi Triq San Pawl.

Dik kienet tkun ġimgħa sħiħa ta' attivita' mħallta bin-niket u bil-vistu u, warajhom, il-qawmien ta' Kristu bil-paċi tal-Fidwa u ta' l-imħabba. din il-festa tal-Ġimgħa l-Kbira baqgħet dejjem timpressjonani u ħalliet fija impronta hekk qawwija li meta kbirt u bdejt nikteb il-poeżija, ktibt din il-poeżija saffika, mas-sittin sena ilu, dwar Ħamis ix-Xirka.

**NHAR ĦAMIS IX-XIRKA**

Fid-dlam, fiċ-ċirċ, u f'reżħa xxoqq il-għadam
għaddejja l-ġilwa: kotra nies tittallab
bil-ħerqa 'l Wieħed li, biex jifdi dnubna,
għalina ssallab.

Miexja: qalb waħda, ruħ waħda. Qatt f'ħajti
ma naf li saltnet fuq l-uċuħ is-sliema
daqs dan il-jum. Mill-ħars miksur u ġwejjed
tixref l-indiema,

l-indiema kbira, taħraq daqs il-ġamar,
ta' min, bla rgħaj, tilef it-triq tas-sewwa,
u sogħbien xorob l-hemm ta' ħajja mqita
mill-għajn tad-dnewwa.

Fejn tixref ħarstek baħar nies jitolbu:
min b'leħen għali, min kemm kemm jinstama',
'mma f'ruħ kulħadd tas-swied il-qalb u n-niket
bħal dell jinġama'.

Matul it-triq dwal kiebja jaqtgħu d-dalma,
dawl ċkejkna jpetptu w jiġru għalenija
qishom il-kwiekeb żgħar fis-sema mdendla
jiddu fl-għaxija.

Hemda ma' kullimkien: it-talb tal-maħfra
donnu jrabbi l-ġwinħajn u lejn is-sema
jitla' qatigħ, safi bħan-nida, safi
bħal qatra demgħa.

Tidħol il-ġilwa ġol-maqdes imdawwal,
quddiem Gesù tinxteħet għarkubbtejha
u trodd l-imħabba 'Dak li miet għalina,
bid-dmugħ f'għajnejha.

Fil-knisja, Ġesù rieqed --- ħemda ħelwa,
qaddisa, kbira. O demm li tajtna l-ġenna!
O qalb imqaddsa, bil-għamil ta' mħabbtek
ruħna tithenna!

Rieqed Ġesu', u fuq ħaddejh jinxtered
il-ferħ ta' ħajja ġdida, kollha dija:
mimduda ħdejh b'ħarsa ta' Omm għajjura,
Ommna Marija.

Ħassejt ġo ħsiebi l-benna ta' l-indiema,
fil-ħsieb li, lejl u nhar, ħolom il-ġrajja
ta'mħabbiet fiergħa f'ġenn il-ġmiel li daħak
bija u bil-ħajja.

U jiena bkejt kif jibki tfajjel niedem
wara l-ħtija li jagħmel. Għab minn ruħi
l-imrar tas-saħta u l-għajb li jtabba' l-hena.
Hemm xerridt dmugħi

f'riġlejn Ġesù. Bħal sħab ħafif li jgħaddi
fuq wiċċ l-ilmiet, hekk għadda minn fuq qalbi
id-dell iswed tad-dnub. Int, Ġesù, 'tini
is-sabar f'talbi,

u fuq did-dinja d-dija ta' salibek
xerred, Mulej, qabel ma fl-għajb tinfena.
Eħlisha minn dad-demm, u t-triq uriha
tal-paċi w l-hena.

# UŻANZA ANTIKA FIL-BIRGU LI NTEMMET

**Lorenzo Zahra**

Żgur li l-qima lejn l-Ikoni nġiebet f'Mlata meta ġew għadd kbir ta' Griegi minn Rhodi mal-Kavallieri fis-sena 1530. Dawn sabu joqgħodu fil-Birgu fejn il-Kappillan ta' San Lawrenz kellu jċedilhom tliet kappelli żgħar biex jinqdew għalihom. Il-Griegi ġabu magħhom fil-Birgu il-qima lejn l-Ikoni. Ma' l-Ikona ta' Filermo li kellhom il-Kavallieri, nġabhet wkoll qima lejn il-Madonna Elemonitra (tal-Karita'), dik ta' Damaxxena, dik ta' Atoċja u Ikoni oħra ta' Sant'Anton u ta' Sant' Antnin. Dawn kollha kienu meqjuma mill-Griegi fil-Birgu. Dawn kollha nġarru lejn il-Belt il-ġdida Valletta.

Iżda għal bosta snin fil-Birgu nżammet il-qima lejn l-Ikona tal-Madonna ta' San Spiridjun. Dan il-qaddis tal-Knisja Oċċidentali, kien devot lejn il-Madonna. F'Malta għalhekk il-Madonna li kienet meqjuma minn San Spiridjun fl-Oċċident, inġabet hawn f'Ikoni ċkejknin fid-daqs, u dawn l-Ikoni, il-Papas tal-Griegi kien jgħaddi fid-djar fejn kien hemm ommijiet tqal li kienu ser iwelldu. Allura dawk in-nisa tqal kienu jżommu fid-dar tagħhom l-Ikona ċkejkna b'dawl jixgħel quddiema sa ma l-mara jkollha ħlas tajjeb. Wara naturalment, kienet l-omm tirritornaha lura biex tingħata lil ħaddieħor.

Tlitt Ikoni minn dawn wieħed jista' jarahom fil-Mużew tal-parroċċa ta' San Lawrenz, fil-Birgu, fl-Oratorju ta' San Ġużepp, fejn hija meqjuma wkoll il-Madonna ta' Damaxxena.

Hekk in-nisa tqal kienu jirrikorru lejn il-Madonna sabiex tagħtihom ħlas tajjeb.

--------------------



| Kumitat tal-Għaqda Maltija tal-Folklor għas-Sena 1996 | |
|---|---|
| **President:** | Guido Lanfranco |
| **Viċi President:** | Maria Pisani |
| **Segretarju:** | Alfred Fenech |
| **Assistent Segretarju:** | Angelo Dougall |
| **Teżorier:** | J.F.Porsella Flores |
| **Assistent Teżorier:** | Joseph Fenech |
| **Membri:** | Alfred Galea, Lewis Fenech. |
| | (u Gerard Cacciattolo li miet 31-7-96) |
| **Editur:** | Guido Lanfranco |
| **Awditur 1996:** | Alfred Mallia |

# GĦANA, TAQBIL U SILTIET MILL-ĦAJJA
## F'Lewwel Nofs tas-Seklu Għoxrin

**Guido Lanfranco**

Bis-sena 2000 jagħlaq dan is-seklu u millenju. Sekli ta' qabel kellhom tibdiliet u evoluzzjoni fil-ħajja, bħalma jiġri dejjem. Bil-mezzi li kellhom għad-disġpożizzjoni tagħhom is-sekli mbegħda, it-tibdil u progress saru bil-qajla, iżda aktar ma beda jesperimenta, jiskopri u jitgħallem, il-bniedem ħoloq aktar mezzi biex javvanza malajr. Għalhekk is-seklu għoxrin ġabar fih l-aktar tibdil f'qasir żmien. Dan qed insemmih biex nenfasiżża li jekk hemm Maltin li twieldu fil-bidu tas-seklu, dawn raw it-tibdil kollu li għadda minn fuq artna, u jistgħu iħossu aktar il-kuntrasti bejn il-bidu tas-seklu u issa, f'kull qasam tal-ħajja.

F'dawn l-aħħar snin qed nagħmel sforzi biex niġbor kemm nista' dwar l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin minn għand anzjani li għexuh aktar fit-tul minni, biex ikollna f'idejna stampa ċara kemm jista' jkun tal-ħajja tal-poplu. Kienet moda qabel li l-istorja tinkiteb b'aktar aċċent fuq il-politka u avvenimenti uffiċjali u ġenerali, waqt li l-ħajja tan-nies komuni ftit wisq kienet tissemma. Issa il-folja nqalbet, u l-istudjużi moderni qed jinvolvu aktar is-sehem tal-poplu fl-iżvolġiment ta' l-istortja.

Tkellimt ma' żewġ anzjani, raġel ta' 89 sena u martu ta' 88 sena. (1) Il-mistoqsijiet li għamiltilhom kienu bl-iskop li dak li jwieġbu juri xi ħaġa dwar il-ħajja sempliċi, għalkemm diffiċli ta' dari. Se nqassam din il-ġabra fi tlieta: (A) Għana (B) Kliem devot (C) Siltiet mill-ħajja.

**(A) Għana** Dan l-għana li ftakret Saverja kif kienet tgħidhomlha ommha.(2) Dawn se ninnumerhom biex ikomplu mal-ġabriet ta' għana li kienu deheru f'L-Imnara N'ru 16 1992 fejn kont ġibt 70 taqbila, u fin-N'ru 17 1993, fejn 71 oħrajn:

(i) ***Għana ta' Mħabba***

Imbierek San Pawl il-Baħar /Imbierek il-ħut li fih,/
Imbierka dik it-tfajla / Li ssib ġuvni sabih. (142)

Smajt tisfira f'nofs ta' baħar, / Dawna kienu żewġ ħutiet;/
Jinnamraw il-ħut fil-baħħar,/ Aħseb u ara it-tfajliet. (143)

F'xatt ta' baħar immur noqgħod,/ Hemmekk ngħid li għandi dari,/
Meta jkolli qalbi sewda/ Jitla' l-ħut biex jikkunslani. (144)

Smajt tisfira f'nofs ta' baħar,/ stħajjiltu ħanini ġej;/
Din kienet ferħa bla temma,/ Għax il-vapur baqa' għaddej. (145)

Ix-xemx tal-bieraħ għebet;/ Tfajla raqdet f'ħoġor ommha,/
Għalqet is-sbieħ għajnejha,/ Bexxqet il-ħelu fommha. (146)

Meta ommi kellha lili,/ Missieri kemm ikkonfonda;/
Qabad il-kitarra f'idu,/ Daqq il-prima u s-sekonda. (147)

Meta ommi kellha lili,/ Kemm kienet ferħana bija,/
Lili qegħdet ġol-benniena,/ u l-ħabel inqata' bija. (148)

Ommi w missieri keċċewni,/ Jien qbadt il-bieb u ħriġt;/
Kif għalaqt tmintax il-sena,/ Tajt il-kelma u żżewwiġt. (149)

Ħanini kemm iħobbni,/ Ħanini kreili palazz,/
Krieli l-mera tal-persuna, U is-sodda bil-kurtinaġġ. (150)

Ħanini mar u ħallieni,/ Issa x'nagħmel biex ninkih,
Insib wieħed aqwa minnu,/ Minn quddiemu nagħaddi bih. (151)

Ismi w ismek xorta waħda,/ Jien Ġanni w int Ġannina;/
U li kont nikkmanda jiena,/ Jiena re u int reġina. (152)

Inti hemm u jiena hawna,/ Fejn xulxin ma noqogħdux;/
Nitkellmu bis-sinjali,/ U mħabbitna ma nurux. (153)

Inti tridni u jien irridek,/ Imma niesna ma jridux;/
Naqbdu l-vapur u nsiefru,/ U lejn Malta ma niġux. (154)

Tal-ħalib aħlibli b'sitta,/ Aħlibhieli ġewwa tazza;/ (155)
Ħalli n-nies jgħidu li jridu,/ Jiena miegħek ħadtha l-grazzja.

Kont fit-tieqa nomxot xuxti,/ Ġietni daqqa ta' lumija;/
Kieku naf min waddabhieli/ Kont nugżah lill-pulizzija. (156)

Pulizzija ġera' wrajja,/ Għal tikka ma qabadnix;/
Li qabadni x'kien jagħmilli,/ Kalzrata ma jdaħħalnix.
Idaħħalni f'abbatija,/ L-abbatija m'hemmx kastig;/
Hemm it-twieqi bil-purtelli,/ Kollha ċfuf u żigarelli. (157)

Kont fit-tieqa qed nirrakkma,/ Għadda ġuvni wisq sabiħ;/
U daħaqli jiena dħaqtlu,/ Ma kellix qalb inħallih. (158)

Qalbi ħabbet żewġ namrati,/ Wieħed twil wieħed qasir;/
It-twil kelluu għoxrin sena, Il-qasir wieħed u għoxrin. (159)

Ħanini magħmul qasrani,/ X'nagħmillu sabiex jitwal;/
Nixtrilu żarbun tal-lastku,/ Bit-takkuna ta' l-injam. (160)

Kemm jidhirlek li int sabiħa,/ Mhux bġalek ikunu s-sbiħ;/
Ikunu bojod u ħomor,/ Bħal kannestru tat-tuffieħ. (161)

Fejnek tal-libsa ħamra,/ Tiela' w nieżla fuq il-bejt;/
La taħsibx li jridek ħija/ Għax tarah iħares lejk. (162)

Il-maktur li tajtek jiena,/ Għedtlek ma turih lil ħadd;/ (163)
Int ħallejtlu tarftu barra,/ U xandartni ma' kulħadd.

Fejnek tal-barumbara,/ Rabbili par ħamiem;/ (164)
Rabbihomli t-tnejn bit-toppu,/ Bħax-xbejbiet li hawn daż-żmien.

Fejnek tal-gallarija,/ Idħol ġewwa aħseb dnubietek;/
Hutek koroh kollha żżewġu,/ U int sabiħa ħadd ma jridek. (165)

(ii) ***Għanja tal-Ballata***

Tlikki tlikki tloppi tloppi,/ Is-sengħa tagħna ta' tbatija,/
Tlikki tlikki tloppi tloppi,/ Minn filgħodu sa filgħaxija./

Ix-xogħol tagħna dejjem barra,/ Fuq il-bejt inkella fl'art,/
Fis-sajf bix-xemx ninħarqu,/ Fix-xitwa ntertru bil-bard./

F'nofsinhar xi ħobża sewda,/ Daqsxejn żejt u xi kurrada,/
Filgħaxija d-dar ninġabru,/ U insibu platt kawlata./

Issa xbajt minn din il-ħajja;/ Sal-ponta tal-mnieħri xbajt;/
Naqbad qoffa ġo dirgħajja,/ Immur L-Isla nbiegħ il-bajd./

(iii) **Kant/Taqbil tal-Gwerra**

Hitler, x'għamilt b'idejk? /Ma ġibtx il-Kajżer quddiem għajnejk,/
Mort tfattar din il-gwerra/ Fiha rebħ ma jkollokx żgur,/
Se jiġrilek bħal Napuljun/ Jew Willie l-Imperatur./
Hitler ma basar qatt/ Li sejra l-Ingilterra/
did-darba tgħidlu *stop*,/ Tiċċalingjaħ għall-gwerra./
Hu ried jidħol bilfors/ Mill-qiegħ b'sottomarini,/
'Ma Churchill wieġbu fis/ Qallu "Dolf, nini nini." (3)

*Soldiers, sailors/ fighting for the King,/*
*With honour and with glory,/ Make his name forever ring,/*
*Marching onwards/ Never looking back,/*
*Always on to Victory,/ With the British flag* (4)

**(B) "Talbiet" antiki** Dawn huma aktar ġabra ta' kliem devot milli talbiet. Jidher li jiffurmaw parti minn kompless ta' ġekulatorji u inkantazzjonijiet antiki li partijiet minnhom jinbidlu jew jintilfu maż-ż-żmien. Kienet tgħidhom tallaba min-Naxxar, b'aċċent qawwi Naxxari; wara li tgħidhom kienu jtuha xi qagħqa.

Ir-Rużarju għedtu.../ Lis-Sema bgħattu.../ Lill-Anġlu tajtu.../
Lill-Madonna nkurunajtu b'warda xandrija/
Fis-sajf anke fix-xitwa.

Kienhemm ħewġ annimali/ Qegħdin fil-manġatura/
Jaduraw l-isbaħ Kreatura.

Smajt it-trumbetta ddoqq/ Ħriġt nara min hu għaddej/ Għaddej Sidtna Ġesù Kristu;/
Minn dik it-trejqa li kien ġej/ Harġet Ommu il-għażiża/
Qaltlu "Ibni fejn int sejjer?"/ Qallha "Sejjer għat-tbatija"/ "Għat-tbatija niġi miegħek"
Ħaduh minn ħdan ommu/
Tawh daqqa ta' ħadida/ Fuq dik ir-ras għażiża.

**(C) Siltiet mill-Ħajja** Din hija silta minn dak li rrakkontawli l-anzjani Quattromani dwar ħajjithom fejn joħorġu l-kuntrasti bejn il-ġenerazzjonijiet. Is-sekwenza ta' suġġetti mhix

bilfors kif tidher hawn, minħabba li fid-diskors normali ikun hemm qtugħ li jerġa jaqbad ħin ieħor, wara tibdil fis-suġġett.

(i) **Skola u Xogħol**

*Manwel* "Mill-iskola ħriġt fl-1920, ta' tlettax... Missieri kien bennej il-Mosta... qalli "Issa x'se tagħmel?"...Għedtlu "Mhux bħal ħuti?" ...(kelli ħuti żewġ *teachers*, mara u raġel, il-Mosta).. qalli "Kont se ngħidlek x'tagħmel!... Taf kemm għandhom ħutek? ... *six pence* kuljum! ...Hmistax il-xelin kull xahar..." U qalli "Ejja miegħi... Kien qed jaħdem il-kampnar tal-Birgu... u dam il-qorti fuqu tlettax il-sena dak... ta' San Lawrenz... Meta konna naħdmu l-Birgu kienu jġibu ġebel mis-Siġġiewi... U mort miegħu nagħġem it-tajn. Meta spiċċajt minn hemm qbadt ħmar, inbiegħ il-frott... Kollox għamilt. Konna bil-forn fejn il-għassa tal-Mosta, allura kont immur inbiegħ il-ħobż Tas-Sliema... Bdejt nonġor ma' missieri, u nagħmel il-lavur fil-ġebel. Id-disinn bl-iskarppell... bl-isgoġġ, bid-dent.. skond l-angolu; id-dent huwa ix-xifer. Meta żżewwiġt, mort l-Awstralja u ħadt il-pensjoni minn hemm.

(ii) **Ħobż**

"Kont immur ma' ħija l-kbir inbiegħu il-ħobż Tas-Sliema. Nitilqu fis-sitta, nerġgħu lura fis-sagħtejn jew fis-siegħa u nofs. Induru Tas-Sliema kollha, nibdew minn fejn il-pont ta' San Giljan... Niġu minn Birkirkara għall-Imsieraħ, indawru għall-Qaliet, induru lura, mmorru Għar id-Dud għax-xatt tal-Gżira.

"Aħna konna ngħaġnu bl-idejn. Konna ngħaġnu l-ħobż imħallat bil-patata...qabel il-gwerra...kien żmien il-għaks... fis-snin '20. Il-patata konna ngħalluha u ngħaġnuha ma' l-għaġina. Kull lenbija tmien wiżniet... 40 wiżna ġo ħames linjiebi... Id-dqiq kien jiġi mill-Awstralja u mill-Kanada u jħalltuhom."

*Saverja* "Ma' nofs lenbi patata maxx titfa nofs lenbi dqiq...iqaxxruha, jagħmluha maxx. Jien kont naħdem ma' tal-ħobż Hal Qormi. Missieri kien jagħmel il-ħobż ukoll, u għedtlu "Missier, il-ħobż ta' Hal Qormi isbaħ minn tiegħek." Qalli "Ma jistgħax ikun!" Għedtlu "meta jtini waħda ta' Hal-Qormi nġibhielek." Ma tixtrix ħobża taf... lira ħobża... Meta tahieli mort, u missieri qalli "Veru... Tiegħi prosit, imma dan jirbaħli!" Iddawwar il-magna b'idek biex tagħġen (fejn kont jien), għax hekk kienu jridu tas-sanità... Wara kont taqtgħu bis-sikkina fit-tilari. Konna nħallu ħobża għall-ħmira... tinqasam ġo ħames lenbi. Meta jitla' tqatta' ħobża ħobża. Ommi u missieri kienu jaħmuh, u jien innaddaf. Hie li kien jimradlu r-raġel (li jgħinu), u nagħmluh aħna b'idejna. Jekk jaraħ tas-sanità kien iħarrku ... u missieri qallu "Allura nħalli n-nies ta' Tas-Sliema bla ħobż... min tridu jagħġinuli?"...

"Dak li jbiegħ il-ħobż konna nagħmlulu xi mija... Għall-familji naħmuh u nagħmlulu sinjal bl-għaġina tal-ħobż stess, daqqa nagħmlu qagħqa, l-oħra ottu, ta' l-oħra salib... ikun għadu nej. Għal ġimgħa kienu jagħmluh. Il-maħlut jiżdied bix-xgħir... kienu jagħtuh liż-żwiemel ukoll, u bin-nuħħala. Il-Mosta għad hawn il-Mitħna l-Ġdida u l-Mitħna l-Qadima; dawk kienu jitħnu għan-nies, mhux għalina tal-fran. Il-mitħna... kont naraħ ħiereġ in-nuħħala, smida rqiqa, smid u dqiq... Bugħarrat għad hemm jitħan bil-magni.

"Pawlu tagħna, Hija l-kbir, Alla jaħfirlu, kien hemm waħda kien imur jgħidilha biex tagħġen, fl-erbagħ ta' filgħodu, darba fil-gimgħa, biex tagħmel il-ħobż tagħha..(5). Kienet tagħġen id-dar. Konna mmorru kienet ttina biċċa għaġina daqs kwart u nofs talli mar għaliha u biha. Missieri kien ikollu xi tmien ħobżiet barra biex jaqla, xi ħaġa. Meta ma jbiegħux kollu kien jistenna 'l tal-ħaxix u jpartat: "Ha ntik ġiex ħobżiet... tini ftit ħaxix." U jtih biċċa qargħa, ġidra u dan... Jiġi tar-rkotta jtih qaleb irkotta, li jgħidlu "Tini ħames ħobżiet, issa..." Konna nbatu, imma konna sinjuri għax kellna kollox..."

(iii) **Ħdejn il-pitkali tal-Mosta....**

*Manwel* "Konna noqogħdu ħdejnil-pitkali tal-Mosta... u kienu jiġu jorbtu l-bagħal jew iż-żiemel. Dawk li jiġu jixtru l-ħaxix jorbtuh mal-ħabbata tagħna tad-dar. Allura kont inkun qed nilgħġab ġewwa b'xi kelb jew qattus u karrettun (*tal-logħob*). Ommi kienet taħdem in-newl, u tagħmilli "Min ġie? Mur ara min ġie." Immur ma nsib lil ħadd... u nibda nirrabja. Darba ġiet zija xiħa li tiġi xbint ommi... (jiġifieri tkun għammditilha lil xi ħadd minn uliedha... parrina... hekk kienu jgħidulhom dak iż-żmien)... Ħabbat il-bieb, u ommi qalet "Għaddi xbint..." u lili "Mur iftaħ." ... Għedtilha "Marridx, għax ħlief xi bagħal jew xi żiemel ma nsibx!"....

(iv) **....u fil-gwerra...**

Manwel għamel servizz f'kull parti ta' Malta, u semma lista sħiħa ta' fortizzi u ġrajjiet, fosthom qal: "...fejn waqa' Delimara, il-Junker 88, bomber Ġermaniż, għamel ħofra daqs il-knisja tal-Mosta.... Kienu jiġu n-nies ifittxu biċċiet (*tiegħu*) rikordju, u jagħmlu *(minnhom)* slaleb, ċrieket...."

(v) **Fix-xagħri**

*Saverja* "Kellna xagħra Għajn Tuffieħa... Kien ikollna n-narċis, is-sagħtar u l-berwieq... Kien ikun hemm waħda qishom imsielet żgħar... [6] kien sabiħ... meta kont żgħira... U jiena kont man-nanna... Hemm ommi kellha għar... fi żmien il-gwerra kien xelter... u jien kont nieħu gost insib il-bebbux abjad... Ommi kienet tibgħat lil-ħija bil-ħmara... kien ikbar minni...biex tibgħatilna xi torta tal-qara' aħmar. Kont inqatta' l-lejl hemm man-nanna.

"In-nanna kienet tagħmel it-tiben u l-weraq tal-ħarrub u tagħmel il-liżar ta' l-ixkejjer bojod... u anke l-imħadda, fil-għar. Kienet tqiegħed il-borma wiċċha l-isfel fuq karta taz-zokkor, u l-istanjata tal-kafè kienet tagħmlilha qisu ras ta' ċombin ġoż-żernuna, għax kienet tibża minn xi ħanfusa li tidħlilha fl-istanjata. U l-ħobż ġo biċċa... Barra mill-għar kellha żewġ ġebliet, u ssajjar il-minestra... bil-ħatab... Meta jidlam kienet tixgħel il-lampa tal-pitrolju. (Hemm) kellha kus taż-żejt, ġbejniet tal-bżar,... Ġie li konna ndumu ħmistax.

(vi) **Mediċina popolari**

"...Kienet ittina ħurrieq għas-sogħla, kamumella biex norqdu... Għall-uġigħ ta' ras patata mqatta', bil-biċċa tal-ħall iddawarha, u meta tixxotta xxarrabhielek... Jidilku ż-żejt għat-tarbija b'naqra l-patata ħamra... Is-sagħtar biż-żejt għall-fereiti dak... Kienet tagħmel l-ilma żahar, ftit qtar, fil-kafè... kellha flixkun."

*Manwel* "Fi tfuliti kien hemm ir-rubarbru għal min jieħu l-qtajja... Allura kont niġi d-dar mill-iskola, kont ngħidilha "Ma, ma... ġera' warajja kelb... tagħni qatgħa ġenninni..." Ir-rubarbru kienu jixtruh minn fejn il-knisja... kien hemm ħanut tal-mediċini. (Immur u ngħidlu) "Sitta rubarbru." ... B'sitt ħabbiet rubarbru ġo flixkun,... likwidu. Mhux veru kont inkun ħadt qatgħa.... għax kont inħobbu!

(vii) **Il-ballata**

"Qabel id-deffun jagħmlu l-pżisa, li jonġor mill-ġebel, dak ix-xaħx...biex jgħattu x-xorok. Wara, l-ballata jagħmlu d-deffun"

*Saverja* "Hija kien isib xi qasrija mkissra,...kollox... biex itih lil dik il-mara..(l-ballata).. biex ittih sold.

(vii) **Żebbiegħ**

Qabel ma kienu jieħdu m-marelli tas-suf jew tat-tajjar għand in-nissieġa, kienu jeħduhom għan iż-żebbiegħa biex jagħtuhom il-kulur. Saverja qalet: "(Hija) kien jiġbor il-qxur tar-rummien biex isir il-lankè... il-kaċċaturi jkollhom il-libsa hekk, tal-lankè... Il-Mosta kienu jagħtu l-kulur... Kien joqgħod fejn It-Trombina, Oratory Street... Konna mmorru ntuh il-qxur tar-rummien."

(viii) **Il-Lissija**

*Saverja* "In-nanna tiegħi kellha qisha bettija ta' l-injam...mbagħad, billi kienu jsajru kollox bil-ħatab jaqa' l-irmied. Tiġbru u twaddbu fil-lissija, mbagħad titfa l-ilma fiha. Il-qiegħ ta' l-irmied jibqa' fil-qiegħ, qisu fond tal-kafè... (7) Taqbad hekk.. mill-qiegħ, u jiġi mill-lewn il-baħar... Jiġu sbieħ il-ħwejjeġ. Għat-tlaħliħ biss kienet tagħmlu. Il-blu ukoll kienet tuża. L-irmied kien jibqa dejjem fil-qiegħ..."

*Noti*

(1) Is-Sur Manwel Quattromani (magħruf ukoll bħala Ġorġ) ta' 89 sena, u martu is-S'ra Saverja ta' 88 sena. Ltqajt magħhom 18 ta' Ġunju 1996 f'San Pawl il-Baħar; qabel kienu joqogħdu l-Mosta. Indikathomli is-S'ra Martha Fenech mill-Mosta. Binthom is-S'ra Tessie Cremona li laqqagħtni magħhom qaltli li missierha aktar kien magħruf bħala Ġorġ, għax meta kien ċkejken kellu xi jgħid ma' xi tfal oħra fuq xi logħob, u tifla qaltlu "...lanqas li kont ir-Re Ġorġ!", u dan baqagħlu bħala forma ta' laqam; anzi ix-xjuħ tal-Mosta jafuh bħala ir-Re Ġorġ;(dak iż-żmien kien hemm ir-Re Ġorġ V.).

(2) L-għanjiet u talbiet li ftakret Saverja ġentilment kitbithomli bintha is-S'ra Tessie Cremona (24-6-1996). Hallejt barra xi biċtejn li għalissa ma jaqblux ma' din il kategorija.

(3) Din kantatha Saverja, bil-melodija. Din kienet waħda mill-ħafna kant ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, li niftakru aħna stess, fil - kategorija li jinvolvu l-Hitler u l-Mussolini, li minnhom kienu jkantaw bosta varjanti. Kien hemm ukoll għadd kbir dwar il-*Victory Kitchen* u oħrajn dwar l-*Air-raids*

(4) Din il-kantaliena bl-Ingliż tafha ukoll is-S'ra Tessie Cremona. Jiena kont nafha ukoll, għaliex ommi kienet tgħallmitha meta kienet żgħira, minn għand ħutha li kienu *boy scouts* bejn iż-żewġ gwerer dinjin.

(5) F'bosta rħula, fi żmien kienet tinġabar l-għaġina minn għand in-nies għax kienu jagħġnu l-għaġina tal-ħobż id-dar, lesta bil-ħmira, u f'xi ħin miftiehem tal-forn kien jibgħat jiġbor ta' kulħadd. Iżda kmieni filgħodu xi ħadd minn tal-forn kien imur iħabbat il-bibien u javża l-kulħadd biex jibda jagħġen biex kollox ikun lest fil-ħin.

(6) Din il-ħaxixa ħelwa hija l-Beżżulet il-Qattusa, li ġie li jgħidulha wkoll Fanali, (għax l-inflorexxenza tagħha tixbaħ ħafna fanali tal-karti) għalkemm din il-kelma ta' l-aħħar tintuża ukoll għal speċi ta' siġra. Fil-botanika nafuha bħala *Briza maxima.*

(7) Il-lissija huwa isem li jirreferi għall-irmied li jkun hemm fil-kontenitur, u li fl-ilma tat-tlaħliħ kien jagħti dehera aħjar lill-ħwejjeġ. Min ma kienx midħla tal-kwalitajiet kimiċi tal-irmied kien jassumi li l-irmied kollu jista' jintuża. Fi żmien, konna nużaw nixtru s-soder u nħalltuh ma l-ilma tal-ħasil. Il-kelma soder hija korruzzjoni tal-kelma Soda jew *Sodium.*



UNIVERSITY OF MALTA

Is-soder, *(Sodium carbonate decahydrate*, $Na_2CO_3.10.H_2O$) jinħall ħafna fl-ilma, u l-użu tiegħu kien maħsub li jikkumbatti l-ilma tqil tagħna (li fih ħafna kalċju u minħabba f'hekk is-sapun ma jirgħax tajjeb). Qabel ma bdew jixtru is-soder, kienu jużaw irmied tas-soder, drawwa introdotta mill-Ewropa, li kien jiġi meta jinħarqu ċerti ħxejjex li jkun fihom aktar *sodium* (Na) fihom minn oħrajn, bħalma hemm diversi speċi li jikbru qrib il-baħar u jkunu kemxejn imlaħħmin u sukkulenti minħabba li jgħabbu aktar ilma fihom biex jikkumbattu l-kontenut għoli ta' melħ. Tabilħaqq dawn il-ħxejjex globalment huma wkoll magħrufin bħala Ħaxixa tar-Rmied, jew Almeridja (minn Irmidija), bħal speċi ta' *Salsola, Salicornia* u oħrajn mill familja *Chenopodiaceae*. Imma bosta, minflok kienu jfittxu l-irmied ta' dawn il-ħxejjex, kull irmied kien jgħodd!

---

**BENEFATTURI FL-INGILTERRA U FI FRANZA**
**jaħdmu biex iżommu ħajjin tifkiriet dwar Malta**

Fil-lista tal-membri li tidher f'din il-ħarġa, issibu tnejn imsemmijin bħala Membri Onorarji. Dawn kienu maħtura hekk bħala rikonoxximent tax-xogħol li huma jwettqu b'enerġija u mħabba biex iżommu ħajjin it-tifkiriet ta' niesna fost nisel il-Maltin barra minn artna. Minbarra hekk meqjusin bħala benefatturi minħabba l-għajnuna tagħhom ukoll lill-Għaqda Maltija tal-Folklor.

Is-Sinjorina Karmen Mikallef Buħaġar li ilha bosta snin toqgħod Londra, wara li żmien ilu kienet fil-komunità Maltija li kien hemm fl-Eġittu. Tippreferi titkellem u tikteb bil-Malti biss. Ta' kull sena tiġi fil-gżejjer tagħna u tagħmel kuntatti mal-Maltin u Għawdxin u ma' istituzzjonijiet u għaqdiet filantropiċi, u sa minn għadd ta' snin ilu regolarment, imma fuq kollox spontanjament għamlet donazzjonijiet ġenerużi ukoll lill-Għaqda tagħna. Minbarra dan ix-xogħol filantropiku, ta' kull sena, permezz ta' attivitajiet u tqegħid ta' kuruni, tfakkar awturi Maltin, speċjament lil Poeta Nazzjonali Dun Karm. Dan kollu hi tagħmlu umilment, mingħajr reklami u pubbliċità, għax dan ix-xogħol isir bl-ebda skop ieħor għajr biex turi mħabba lejn l-għeruq Maltin tant għeżież.

Madame Aurore Vèriè, benefattriċi oħra kienet kitbet, lit-Teżorier, bil-Malti, fost affarijiet oħrajn: "...Nixtieq ngħidlek kemm ngħożżha "L-Imnara";... qegħdin tagħmlu ħaġa prezzjuża ħafna għall-memorja ta' niesna... Meta naqraha nibgħatha lill-ħbieb li huma bħali ta' oriġini Maltija." Għal Franza ma telqitx minn Malta, iżda: "...in-nanniet tiegħi u l-bużnanniet marru minn Bormla u mill-Għargħur f'nofs is-seklu XIX għat-Tuneżija...Malta hija dejjem f'qalbna" Hija president tal-Għaqda *Amis de Malte* ta' Toulouse, u meta tikteb il-bulletin tagħhom tikteb xi ħaġa mil "L-Imnara" u tgħid: "...u kulħadd jifraħ għaliex inħobbu ir-rikordji tal-familja Maltija tagħna.... Il-hbieb Franċiżi u l-qraba tagħnna ukoll jifirħu."

---

# LISTA TAL-MEMBRI EFFETTIVI TAL-GħADQA MALTIJA TAL-FOLKLOR 1996

*Presidenti Onorarji*
Ġużè Cassar Pullicino A.L.A., Rafel Bonnici Calì,
Dr. V.M.Pellegrini LL.D.

*Viċi President Onorarju*
Ġużi Buontempo

*Membri Onorarji*
S.na Karmen Mikallef Buħaġar, M'me Aurore Vèriè

*Membri Effettivi*

Agius, Tommy "Bougainville" 14. Triq il-Ferrovija, S.Venera
Aquilina, Victor SBS Radio, S.Melbourne, Australia
Bajada, Joseph "M.Ta' Pinu" Vjal 8 ta' Settembru, Xagħra
Bianchi, B.Sc., Nicholas "Villa Fort" Triq Preca, Lija
Bonello, E. 52, Triq l-Isqof Labini, B,Kara
Bonnici Dip.Bus.Law & Acc., John A. "Marise" 168/2 Old Railway Avenue,Balzan.
Borg Cardona, B.A., L.T.C.L., Anna "Ċiklamina" Triq il-Qarċilla, Ħal Balzan
Calleja, Frankie "Tinkerbelle" Triq il-Kunvent, Żabbar
Camilleri Jos. C. "Ilqugħ" Triq il-Muskatell, Attard

Cassar Anthony "Eltonville" Triq B'uġa, Għaxaq
Cassar B.A., M.Ed., George 78, Triq Papa Piu XII, Mosta
Cassar, Lawrence 24-25, Triq Zondadari, Rabat, Malta
Catania, Paul c/o 9, Triq S.Duminku, Rabat, Malta
Cesare, Salv. 14, Triq Laqxija, B'kara
Chetcuti, Ġużè "Żerniq",8/10, Triq Għar il-lenbi,Tas-Sliema
Cremona, John 54, Triq S. Ġwann Bosco, Rabat, Għawdex
Debono, John "Bethel" Triq Karmnu, B'kara
Depares, Ch. 40, Triq Dingli, Tas-Sliema
Dougall, Angelo 89, Triq S.Mikiel, B'uġa
Ellul, Joe 60, Triq S.Rokku, Qormi
Ellul Galea, Karmenu 32, Triq Tal-Borġ, Paola
Farrugia, Anton 17, Pjazza tal-Knisja, Mqabba
Farrugia Randon M.D., Dr.R. "Franstan" Trejqa Papa Alessandru VII, Balzan
Fava, B.Sc., M.D., Dr. C. "Constantia" Sqaq Ċafċaf, Madliena
Felice, B.Ch.D., John Krypton Chemists, S.Andrews
Fenech, Alfred "Grezz", Triq id-Dirsa, Attard
Fenech, Jos.M. 7, "Massabielle" Triq Mons.M.Azzopardi, Siġġiewi
Fenech, Louis "Faraġ", Triq Stefano Erardi, L-Iklin
Fenech, Martha 26, Triq Ponsonby, Mosta
Formosa, B.A., Patrick "Patros" Triq Wignacourt, B'kara
Ganado, LL.D., Dr.Albert 1, Triq M.Anton Vassalli, Valletta
Ghio, Mary 41, Triq S. Ġużepp, L-Isla
Griffiths, M.D., F.R.C.S., Prof. V. 7, Triq il-Palma, S.Ġiljan
Grima, Arthur 34b, Triq S. Mikiel, B'uġa

Grima, B.A.,M.A., Joe "Kosi Kot" Triq Ġuże' Ellul Mercer, Qormi
Guillaumier, Alfie 12, Triq Villambrosa, Hamrun
Hili, B.Educ., Carmel "Hilitis Mansion" Triq in-Nofs, L-Ibraġ
Jaccarini, M.D., F.R.C.P., Dr. C.J. "Dovedale"
Garden Crescent, S. Ġiljan
Lanfranco, Guido 78, Triq S. Trofimu, Tas-Sliema
Magri-Naudi, Magda "Torsance" Triq Karlu Darmanin, Lija
Mallia, A.C.I.B., F.I.Met., Alfred "Is-Sebuka"
Triq ta' Marmora, San Ġiljan
Masini, L.P., Franco "Calypso" Misraħ Kola, Attard
Micallef, Joe 1, Norfolk Str. Sliema
Mifsud Chircop B.A.(Hons.), M.A., Ġorġ "Fommu Bil-Għasel"
Triq il-Bufula Hamra, Mosta
Muscat, Victoria "Il-Musbieħ", Triq il-Wied, Msida
Pellegrini, LL.D., Dr. Franco "Sonata" Triq Tal-Mirakli, Lija
Pisani, Maria 194, Triq S.Pawl, Valletta
Porsella Flores, J.F. 69, Triq il-Palma, Paola
Potelli, C. "Ave Maria" Triq Pedidalwett, S. Andrews
Puli, Mary 52 Triq S. Agata, Tas-Sliema.
Ragonesi, Anita 6, The Oasis, B'kara Hill, St. Julian's
Risso, Capt. R, "Mon Fleur" Triq S. Antnin, San Ġwann
Saliba, Ph.C., M.D., Dr. Jos. 74, S.John Tower Str. Vittoriosa
Saliba, Raymond Block H Flat 2, Triq ix-Xemxija, Marsa
Sammut Testaferrata, M.A., M.Phil., Jos. "Damaris", Triq Lascaris, Ponta tal-Qawra
Sant Cassia, Dr. Anthony 92, Triq Ugo Mifsud, Lija
Sarè, J.C. 166, Rudolphe Str., Tas-Sliema
Schembri, Anthony "Renton", Triq Haż-Żabbar, Fgura
Schembri A.F.M., Capt. Mario B/4, Triq Bellavista, San Ġwann
Sciberras, John "April" Old Church Str., Birkirkara
Scicluna, John C. "Casa Scicluna" 18, Triq Robert Samut, Tal-Virtu', Rabat, Malta
Spiteri Maempel, Mario "Marvic", Triq L-Imdina, Balzan
Tedesco, Joe "Sunshine" Triq L-Aħwa Zammit, Qormi
Vassallo, Henry Apt.12, Lourdes Park/off Bay Junction,St.Julians
Zahra, Vincent, P. C-18/1, Triq Sophia, Bormla
Zammit, Caroline "Casa Zammit" Mons. A. Mifsud Str. Ta' Xbiex
Zammit Maempel M.Q.R.,D.Sc.(Hon.Causa),M.D., Dr. George
53, Main Str., Birkirkara
Zarb, Marie Clare 2, Planet Court, Tignè Sea Front, Tas-Sliema